MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 151/2013

**Ronald Galea**

**vs**

**Peter Magro**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Ronald Galea, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Fit-2 ta’ Awwissu 2012, kien gie ffirmat konvenju (Dok. A) bejn ir-rikorrenti u l-intimat, li permezz tieghu, l-intimat ipprometta u obbliga ruhu li jbiegh, jassenja u jittrasferixxi lir-rikorrenti, li pprometta u obbliga ruhu li jixtri u jakkwista; l-appartament internament immarkat bin-numru tmienja [8] li jinsab fit-tielet sular ta’ bini [second floor] li huwa sottopost ghall-bejt li hija proprjeta’ ta’ Mangion Constructions Limited jew is-successuri tieghu, filwaqt li

huwa sovrappost ghall-appartament enumerat erbgha livell ta’ hwienet u garaxxijiet, li jaghmel parti minn blokk bl-isem “Mangion Court”, Entrance numru wiehed [1] minghajr numru ufficjali accessibbli minn Triq Btieti Marsascala, liema blokk jikkonfina mill-punent mal-istess triq, mit-tramuntana ma’ Triq Sant Antnin u min-nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Mangion Construction Limited jew is-successuri tieghu, bl-imsemmi blokk ta’ appartamenti gie zviluppat fuq tliet porzjonijiet ta’ art indikati bin-numru 68, 69 u 71 tal-artijiet hekk denominati “Tal-Maghluq”, skont kif ahjar jirrizulta dettaljatament mill-konvenju fuq riferit debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dok. B), kif suggett ghall-kundizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju.

L-intimat naqas milli jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ xiri u bejgh u dana minkejja illi gie interpellat sabiex jaghmel hekk, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 31 ta’ Jannar 2013 (Dok. C).

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega; [1] tiddikjara illi l-intimat naqas milli jonora l-obbligazzjonijiet tieghu skont il-konvenju tat-2 ta’ Awwissu 2012, u dana stante illi naqas milli jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali, minghajr raguni valida legali, [2] tikkundanna lill-intimat, sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dina l-Qorti, jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv a bazi u ai termini tal-konvenju fuq riferit; [3] tinnomina lin-Nutar Dr. Liza Schembri LL.D. jew nutar pubbliku iehor sabiex jippubblika l-att relattiv; [4] tinnomina kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tal-intimat; [5] tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi – kollox skont ma intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Jannar 2013, dawk tan-nutar relattiv, dawk tal-eventwali kuraturi deputati u dawk relatati mal-kuntratt pubbliku relattiv, kontra l-intimat li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu. B’riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra kontra l-intimat ghad-danni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, ir-rikors baqa’ bla twegiba.

Semghet lir-rikorrent jixhed.

Rat l-atti kollha.

Rat li minkejja li gie moghti l-fakolta’ li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, dan ghazel li ma jaghmel xejn.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi, fil-kontumacja tal-konvenut, ir-rikorrent irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li t-talba tieghu jisthoqqilha li tintlaqa’.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta; tilqa’ t-tieni talba u l-hames talba u tordna li l-kuntratt ghandu jigi pubblikat nhar it-Tlieta 10 ta’ Dicembru 2013 fil-hdax ta’ filghodu; tilqa’ t-tielet talba u tinnomina ghal dan l-iskop lin-Nutar Dr. Lisa Schembri; tilqa’ r-raba’ talba u tinnomina lill-Avukat Dr. Josette Grech biex tidher ghall-eventwali kontumaci, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Peter Magro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------